MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 318/2012

**Maximilian Castagna**
**(ID 650247M)**
**vs**
**Henry Camenzuli**
**(ID 35965M)**

Illum 30 ta' Settembru 2013

Il-Qorti
Rat ir-rikors promotur intavolat a tenur tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ippresentat fl 24 ta' Settembru 2012 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tiddikjara l-Ittra Ufficjali Nru 494/2012 mibghuta a tenur tal-Artikolu 166A mill-intimat bhala nulla u bla effett. Ir-rikorrent talab ikoll sabiex tiddikjara li t-titolu ezekuttiv ottjenut mill-intimat abbazi ta' dina l-Ittra Ufficjali bhala nulla u bla effett u, konsegwentement, tiddikjara ukoll bhala null u bla effett il-Mandat ta' Sekwestru 1451/2012 mahrug abbazi tal-Ittra Ufficjali 494/2012. Ir-rikorrent ghalhekk talab ir-rexissjoni tal-Ittra Ufficjali 494/2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru 1451/2012, kif ukoll li jigi awtorizzat

jizbanka il-flejjes depositati fil-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depositu 1097/2012.
Rat ir-risposta tal-intimat ippresentata fit 12 ta' Ottubru 2012 fejn sahaq illi t-talbiet kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.
Rat l-atti tal-Ittra Ufficjali 494/2012 ippresentata mir-rikorrent a fol 3 tal-process.
Rat l-affidavit ta' **Maximilian Castagna** ippresentat fid-19 ta' Novembru 2012 flimkien mad-dokumentazzjoni maghha annessa.
Semghet ix-xhieda ta' Maximilian Castagna moghtija fit 22 ta' Frar 2013 u d-dokumenti minnu esebiti.
Rat illi fid 29 ta' April 2013 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta
Rat illi fis-seduta tal 24 ta' Mejju 2013 l-intimat iddikjara illi ma kien ser jippresenta ebda provi u kien ser jistrieh fuq il-provi li hemm.
Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**
Illi fid-9 ta' Marzu 2012, l-intimat baghat Ittra Ufficjali mahruga a tenur tal-artikolu 166A lill "MAX CASTAGNA U DEVELOPMENTS LIMITED, 313, Zabbar Road, Fgura", fejn huwa interpellah biex ihallas is-somma ta' €1,639 bhala prezz ta' xoghol u tqieghid ta' madum fil-fond 3, Block 200, Triq is-Salini, Marsascala.
Illi jidher li "MAX CASTAGNA U DEVELOPMENTS LIMITED" gie notifikat b'dina l-ittra fil-15 ta' Marzu 2012 fl-indirizz indikat u tali ittra inghatat lil certu Bertram Cachia.
Illi jidher li fl 24 ta' Mejju 2012, l-intimat ottjena il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra Maximilian Castagna personalment, liema notifika, din id-darba, saret fl-indirizz 213, Zabbar Road, Fgura.
Sussegwentement, fit-13 ta' Gunju 2012, il-Bank of Valletta iddepositat somma ta' €745.96 fil-Qorti stante illi giet notifikata bil-Mandat fuq imsemmi.
Illi eventwalment ir-rikorrenti, illi qatt ma gie notifikat b'ebda mill-atti fuq imsemmija, fl-24 ta' Settembru 2012, ippresenta r-rikors odjern.

**Ikkunsidrat**

Illi a tenur tal-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12, talba sabiex titolu ezekutiv jigi rexiss u dikjarat null u bla effett irid isir fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika illi saritlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor.
A tenur ta' l-istess sub artikolu, biex jigi rexiss tali titolu ezekuttiv, irid jirrizulta illi jew id-debitur ma giex notifikat kif suppost jew inkella l-Ittra ma fijiex il-htigijiet rikjesti mill-Ligi.
Illi jirrizulta mill-provi prodotti li l-ittra ufficjali intbghatet fl-indirizz 313, Zabbar Road, Fgura, filwaqt illi il-Mandat ta' Sekwestru intbghat fl-indirizz 213, Zabbar Road, Fgura. Jirrizulta wkoll mil-provi illi r-rikorrenti Maximilian Castagna joqghod fl-indirizz 10, Sardinella, Triq Thomas Ashby, Marsascala, kif jirrizulta mill-karta tal-identita' tieghu ippresentata a fol 10 tal-process.
Illi ghalhekk, la darba r-rikorrent ma giex notifikat fl-indirizz tieghu u ma ingibiet assolutament ebda prova ghaliex ir-rikorrent kien inizjalment notifikat fl-indirizzi ta' Zabbar Road, Fgura, ghandu jitqies illi r-rikorrenti ma giex notifikat kif trid il-Ligi, u ghalhekk kellu d-dritt illi jippresenta tali rikors ghalkemm t-titolu ezekuttiv gie ezegwit aktar minn erba xhur qabel.
Illi, la darba qieghed jinghad illi r-rikorrent ma giex notifikat fl-indirizz tieghu, f'dana l-istadju il-Qorti thoss illi ghandha taghmel l-osservazzjonijet taghha dwar l-Ittra Ufficjali 494/2012.
L-Artikolu 174 (e) tal-Kap 12 jistabilixxi illi f'kull skrittura ippresentata l-Qorti, u ghalhekk tapplika ghal dina l-Ittra Ufficjli ukoll, l-att ghandu jkollu "*xi partikolari ohrajn li jistghu jghinu ghall-identifikazzjoni tal-partijiet imsemmija*".
Harsa lejn l-Ittra Ufficjali 494/2012 turi illi, mhux talli ma kien hemm ebda tip ta' identifikazzjoni li b'xi mod setghet tiddentifika lill min qed tinbghat, izda l-ittra giet indirizzata testwalment kif gej: - "MAX CASTAGNA U DEVELOPMENTS LIMITED" - b'mod illi lanqas biss hija possibbili illi wiehed jiddentifika jekk attwalment l-intimat kien qieghed jibghat l-ittra lill Max Castagna u lill Developments Limtied individwalment, jew inkella lill kumpannija Max Castagna U Developments Limited.
Illi l-Ittra Ufficjali, ghalkemm redatta b'mod kemmxejn ekonomiku u spiccjattiv, certament ghandha indikazzjoni cara wara x'inhi il-pretensjoni tal-intimat, peress illi huwa

indikat li qed tintbghat ghal xoghol ta' tqieghid ta' madum res gewwa il-fond 3, Block 200, Triq is-Salina, Marsascala. Ghalhekk, l-argument illi l-ittra ufficjali tiddifetta f'wahda mir-rekwizita taghha ma hijiex korretta.

Madanakollu, johrog car mill-atti processwali illi l-Ittra Ufficjali 494/2012, eventwalment reza ezekuttiva, ma gietx notifikata lill-Maximilian Castagna kif trid il-Ligi, u ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li t-talba tar-rikorrent biex tali Ittra Ufficjali tigi rexissa u dikjarata nulla u bla effett hija wahda gustifikata u li ghandha tintlaqa.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tinnutax illi l-kumpannija Developments Limited ma' tesistix peress illi jirrizulta illi bhala sid tal-propjeta indikata mill-intimat fl-ittra ufficjali tieghu, dina kienet il-kumpannija Max Castagna (Development) Limited, u mhux Development Limited. Apparti minn hekk, jidher illi l-istess kumpannija bieghet tali propjeta' lill terzi fid 19 ta' Ottubru 2010.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi qieset il-provi kollha prodotti quddiemha u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Tghaddi biex tiddeciedi ir-rikors billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet tal-intimat u **Tilqa** ir-rikors kif dedott u ghalhekk

**Tiddikjara** null u bla effett l-Ittra Ufficjali 494/2012 kif ukoll il-Mandat ta' Sekwestru 1451/2012

**Tirrexxindi** l-effetti ta' titolu ezekuttiv moghtija lill-Ittra Ufficjali 494/2012 fis-27 ta' April 2012

**Tirrexxindi** l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru 1451/2012 u tordna illi jinhareg Kontro Mandat ghall-istess Mandat 1451/2012 a spejjez tal-intimat.

**Tawtorizza** lir-rikorrent jizbanka il-flejjes depositati taht l-awtorita' tal-Qorti permezz tac-Cedola ta' Depositu 1097/2012 minnufih.

Spejjez tal-proceduri odjerni, illi ghandhom ukoll jinkludu l-ispejjez inkorsi ghad-depositu tal-flejjes permezz tac-Cedola ta' Depositu fuq imsemmija li allura ser jitnaqqsu mis-somma li r-rikorrent ser ikun jista jizbanka, ghandhom ikunu kollha a karigu tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------